TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

11

Avviż Numru CCT 194/16/F

**Joseph Doublet**

**vs**

**Simon Muscat**

Illum 20 t'April, 2017

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-13 t'Ottubru, 2016 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' tliet mija u ħamsin ewro (€350), rappreżentanti l-prezz tal-madum, labour u armar, għall-madum difettuż li kien xtara mingħand l-intimat.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, minkejja li attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara l-madum mingħand l-intimat u wara li twaħħal, sitt xhur wara dan beda jittebba, u għalhekk qal li l-madum kien difettuż. Talab li għalhekk ikollu madum ġdid, kif ukoll jitħallas tax-xogħol u tal-armar sabiex jiġi wieħed u jneħħi l-madum l-antik u jpoġġi l-ġdid.

L-intimat offra li jagħtih il-madum mill-ġdid u qal ukoll li l-madum ma kienx difettuż.

It-Tribunal, jinnota li l-madum verament kien difettuż għax meta ra r-ritratti innota li beda jittebba minn kullimkien. It-Tribunal, jinnota li għalhekk l-intimat kien obbligat sabiex jirranġa s-sitwazzjoni u mhux biss biex jagħtih il-madum l-antik.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas l-ammont ta' tliet mija u ħamsin ewro (€350), u bl-ispejjeż kollha inkluż tal-Affissjoni kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888